SANNAT

Minuti tat-tlieta u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada |
| | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1617 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 32 li saret fit-21 ta' Ġunju u l-kontinwazzjoni tal-laqgħa fil-4 ta' Lulju 2011.

**Item 2 Mill-Minuti**

1618 Ġie l-perit Edward Scerri biex jispjega l-kont finali tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid. Il-perit qal li l-kuntrattur qabbad lil Salvu Bonello biex ikejjel ix-xogħol li għamel. Il-perit ma qabilx miegħu u ħadem fuq il-kejl tiegħu. Fl-aħħar kont il-perit irranġa l-parti fejn kien sar żball fil-kalkulazzjoni tal-pedamenti. Hu ta spjegazzjoni ta' kollox. Il-Kunsill approva dan il-ħlas. Il-perit għandu jagħmel stima tal-proġetti ta' Sqaq Dun Anastas u ta' Triq l-20 ta' Lulju.

1620 (*para.1953)* Rigward dak li qal l-Viċi Sindku fejn qal li Salvu Buttigieg ġie imqabbad mis-sindku biex jagħmel xi xogħlijiet mhux awtorizzati u mhux kompitu tal-Kunsill, is-Sindku qal lil dawk ix-xogħlijiet ma għandhomx x'jaqsmu mal-Kunsill.

1221 Rigward il-bozza ta' John Hili din għandha titpoġġa fil-faċċata ta' Triq Qortina madwar metru u nofs 'il bogħod mill-kantuniera biex turi għal ġo l-istess triq.

*1622* *(para. 1535)* Rigward id-delineazzjoni tal-ħajt tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid, il-Kunsill ma sema' xejn. Is-Sindku mar id-Dipartiment tal-Lands u kellem lis-Sur Schembri. Dan qallu li d-dewmin hu imħabba l-perit indipendenti tal-arbitraġġ. Il-Kunsill qabel li jikteb bl-avukat biex jitħaffef il-każ kif ukoll jkun preżenti l-Kunsill waqt l-arbitraġġ.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1623 *(para.1537)* Saret laqgħa maċ-Chairman tal-Mepa u d-Direttur tal-EcoGozo dwar l-applikazzjoni tal-recreational area ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus. Id-DPA report hu lest u r-rakkommandazzjoni kellha toħroġ.

1624 *(para. 1539)* Il-boroz tal-Greenpak qed jinġabru.

1625 *(para. 1493)* Saret laqgħa oħra mal-Paying Agency dwar il-Measure 313 u Measure 323. Dwar il-*Promotion campaign*, il-Kunsill għażel li dan il-board titpoġġa fil-bidu ta' Triq it-28 ta' April 1688. Inkitbet l-ittra lill-Transport Malta għal permess. Saret laqgħa oħra mal-Paying Agency fejn preżenti kien hemm is-Sindku, s-Segretarju u l-perit. L-impression tal-promotional board ser tiġi tiswa madwar €600. Il-Paying Agency għandhom jitkellmu mal-persuna konċernata li għamel din l-*impression*.

1626 *(para. 1543)* Rigward it-*Tender No.02/2011 for Street Resurfacing with hot rolled asphalt under the Public Private Partnership Scheme*, is-Segretarju Parlamentari, Dr. Chris Said iltaqa' mal-Kunsill fil-14 ta' Lulju 2011. Is-Segretarju Parlamentari offra 30% tal-ispiża skond kemm ikunu ser issiru toroq.

1627 (*para.1544*) Dwar il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr. Mario Demarco dwar Mġarr ix-Xini saret laqgħa mis-Sindku mas-Segretarja privata ta' Dr. Demarco, Segretarju Parlamentari fejn issemmiet il-public convenience ta' Mġarr ix-Xini. Il-mobile toilets fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini tpoġġew mill-Ministeru għal Għawdex a spejjeż tiegħu.

1628 (*para 1568)* Frank Salt Ltd. qablu li jagħmlu d-dustbins ġodda a spejjeż tagħhom flok dawn li hemm bir-riklam tagħhom. Il-Kunsill qabel li jsiru sitta. Dawn irid ikollhom astray fuq.

1629 Tender 01/2011 *Measure 323 – Tender for the restoration and construction of rubble walls at passage of Triq Ras in-Newwiela*, saret il-laqgħa, il-minuti tal-laqgħa tal-Bord u d-dokumenti neċessarji li huma ffirmati mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

Il-bord irrakomanda li din tingħata lil Gatt Tarmak Ltd.

Il-Bord irrakomanda lil Gatt Tarmak Ltd. li l-offerta tagħhom kienet l-unika waħda li teknikament u administrativament kienet tajba, imma teċċedi l-budget tal-proġett li kien speċifikat fit-tender. Il-Bord irrakomanda biex skond klawsola 33.2 tar-tender, l-awtorita' kompetenti (il-Kunsill) għandha d-dritt li tikkonsulta mal-kuntrattur biex iġġib il-prezz f'livell sodisfaċenti għall-Kunsill. Dan irid isir fi żmien 10 tijiem minn meta l-kuntrattur jiġi nfurmat. Il-Kunsill għandu jżomm ukoll id-dritt li jnaqqas iż-żmien ta' meta għandu jitlesta x-xogħol. Il-Kunsill għandu jiltaqa' ma' Gatt Tarmak Ltd. biex joffrilhom dak li ppropona l-bord.

1630 *(para. 1573)* Rigward it-Tender No. 3/2011 għall-proviżjon u nstallazzjoni tal-passenger lift fl-uffiċċini l-ġodda, Galea Curmi Consultants fir-rapport tagħhom irrakomandaw dik ta' S. S. Lifts Ltd. għall-prezz ta' €22,689 li kienet l-irħas waħda, kif ukoll skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fit-tender. Il-Kunsill approva li din tingħata lill-D.D. Lifts Ltd.

1631 *(para. 1574)* Sar il-patching bil-cold asphalt fit-toroq li kien hemm bżonn tal-lokalita. Fi Triq Dun Luqa saret rampa bil-cold asphalt mill-kuntrattur. Hu qal li s-sid ġab il-boroż tal-cold asphalt. Is-Segretarju qallu minn qabel biex ma jagħmilx rampi. Dwar dan il-każ, is-Segretarju bagħat email lill-Kunsilliera kollha.

1632 *(para. 1577)* Fil-ġimgħa tal-festa saret Sports Day għat-tfal fl-inħawi ta' Saguna fejn il-Kunsill kellu joħroġ il-medalji.

1633 *(para. 1578)* Rigward il-playing field għad ma għandniex ir-rapport tal-ispezzjoni mill-Malta Standards Authority. Il-Kunsillier Marlene Muscat għandha ċċempel lill-persuna konċernata.

1634 *(para. 1581)* Il-permess tar-roundabout ta' Sannat Junction ġie approvat milll-MEPA.

1635 *(para.1585)* Rigward il-kanal tal-ilma li hemm imblukkat taħt it-triq ta' Mġarr ix-Xini l-Kunsill għandu jikteb lill-IPSL biex jibagħtu xi ħaddiema biex jitnadfu l-arkati fejn jiżbokka l-culvert tal-ilma tax-xita. Meta jsir dan ix-xogħol għandu jinġieb skip.

1636 *(para.1586)* Rigward il-ħofra li kien hemm fin-niżla tal-konkos ta' Triq ta' Mġarr ix-Xini inġabet jarda konkos u x-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill. Għal din il-ħofra l-kuntrattur ried €800 fejn qal li trid tinqala' parti mit-triq. Magħha ngħata l-konkos ukoll lil dak il-kanal li kien hemm fil-parti ta' fuq tan-niżla tal-konkos.

1637 (*para.1587)* Rigward ix-xogħol ta' skavar tal-Loġġa bħala parti mill-proġett tal-Mġarr ix-Xini Regional Park tnaddaf il-wied minn żewġ ħaddiema tal-Community Works Scheme. Is-Sindku semma' li hemm bżonn issir laqgħa mal-WSC rigward il-pompa tal-ilma l-qadima tal-wied. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li din il-laqgħa trid issir flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija u l-Action Committee.

1638 *(para. 1588)* Il-Community Work Scheme bagħtu tliet ħaddiema mal-Kunsill fuq talba tas-Sindku għalihom partikulari. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li issa hemm sitt ħaddiema mal-Kunsill u hemm bżonn ta' mutur tal-ħaxix ieħor

1639 *(para. 1589)* Il-badges bil-logo tal-Kunsill ġew ordnati mingħand Joseph Baron għall-prezz ta' €2.36ċ il-waħda.

1640 *(para. 1592)* Ginja Cassar ilmentat għal darba oħra dwar il-bank ta' Triq l-20 ta' Lulju u talbet li dan jinbidel.

**Item 3 Korrispondenza**

1641 Memo 59/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Website www.lc.gov.mt

1642 Memo 60/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema EGGV4U dwar il-Kunsill magħżulha li qed jieħdu sehem f'dan il-proġett.

1643 Memo 61/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar taħriġ fuq ICT għal impjegati u Kunsilliera.

1644 Memo 62 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 27646 dwar l-ammonti ta' ġbir ta' kontrevenzjonijiet mill-Kunsilli Lokali.

1645 Memo 63/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali fil-Lokalitjiet Żgħar. Ser jingħata sa 50% tal-ispiża tal-proġett. Żmien hemm sa 26 ta' Awwissu 2011. Il-Kunsill qabel li jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn jitlob jekk hux

SANNAT

possibbli li japplika biex l-Isqaq Dun Anstas jingħata l-konkos imprinted, u jitpoġġew numru ta' bankijiet u pots.

1646 Memo 64/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar playing fields tal-Kunsilli Lokali b'tagħmir li jista' jkun perikluż. Il-Kunsilli huma responsabli għad-danni li jsofru terzi persuni.

1647 Memo 65/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012. Żmien għall-applikazzjoni sal-29 ta' Awwissu 2011.

1648 Memo 66/ 2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' finanzjamet għal titjib fil-playing fields eżistenti. Żmien biex issir l-applikazzjoni hemm sa' 28 ta' Ottubru 2011. Il-perit Edward Scerri għandu jieħu ħsieb il-playing field.

1649 Memo 67/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali PQ dwar il-kuntratti tal-Kunsilli Lokali.

1650 Memo 69/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Strateġija ta' taħriġ.

1651 Memo 68/2011 mid-Dpartiment tal-Gvern Lokali dwar korsijiet għall-Adulti (Life Long Learning Classes)

1652 Memo 70/2011 mid-Dpartiment tal-Gvern Lokali dwar ħlasijiet ta' dokumenti dwar offerti.

1653 Memo 71/2011 mid-Dpartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament għall-Kumitati Reġionali.

1654 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Premijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Interpriżi.

1655 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar laqgħa informattiva bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika dwar ir-Riforma fis-Swieq fil-beraħ.

1656 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar sessjoni ta' nformazzjoni dwar Programm Operativ Italja – Malta, 20078 - 2013. Żmien għall-applikazzjoni hemm sa 9 September 2011 biex wieħed japplika.

1657 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar l-attendenza għal attivitajiet organizzati mis-Segretarjat flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġu varati skemi u jew jitħabbru l-benefiċjarji tal-iskema li jkunu nħarġu.

1658 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett tal-Europe for Citizens li jismu hENCE – applikazzjoni fejn l-Assoċċjazzjoni ser tibgħat minn 8 sa 10 persuni għal din il-konferenza.

1659 Cirkulari AKL Cirk 48/2011 dwar diskussjonijiet li għaddejjin flimkien mal-WSC dwar ir-reinstatment li l-Kunsilli jrid jagħmel meta jsiru xogħlijiet fuq ħsarat. Il-Kunsill irċieva pagament ta' €2,700 mill-WSC.

1660 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li d-devoluzzjoni ta' dawl tat-toroq ser tgħaddi f'idejn il-Kumitati Reġjonali.

1661 Sar ir-rapport tal-evaluazzjoni minn Galea Curmi Consultants tat-Tender nru. 05/2011 għall-installazzjoni tal-lift fl-uffiċċju l-ġdid. Huma qalu li l-irħas offerta hi dik Nru. 3 ta' S.S. LIFTS LTD. għall-prezz ta' €22,689. Din it-tender tissosdisfa l-ispecifications u l-prezz hu raġonevoli u inqas mill-istima tal-Budget. It-Tender Nru. 4 ta' Groffe Elevators Services Ltd. hi t-tieni l-irħas offerta, imma taqbeż l-istima tal-budget. Galea Curmi rrakomandaw li din tingħata lil S.S. LIFTS Ltd. Tender No. 03/2011 għaliex hi l-aktar vantaġġjuża.

1662 It-Tender tal-fanali ta' Triq Sannat ser jgħalqu fis-7 ta' Settembru 2011. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Zarb Cast Iron Ltd. ilmenta li fit-tender il-ġdida, l-fanali li huma tal-cast iron bħal dawk li hemm fl-istess triq mhux permessibbli. Il-Kunsill qabel li ssir addenda f'dan ir-rigward.

1663 Ittra mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2011/12. Żmien għall-applikazzjoni hemm sal-31 ta' Awwissu 2011. Iż-żgħażagħ ser jiġu mitluba jattendu seminars ta' taħriġ sabiex jifhmu aħjar kif joperaw il-Kunsill Lokali u x' jinvolvu rwoli differenti fi ħdan il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jerġa japplika.

*1664 ERDF – priority AXIS 4 –Mitigation and adaption to climate – Energy – MEUSEC increasing energy efficiency and installing renewable energy sources*. Is-Sindku qal li saret applikazzjoni għal għaxar cameras madwar il-lokal *energy saving* bil-panneli voltalici, kif ukoll dawl fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

1665 EcoGozo ser jerġgħu joħorġu applikazzjonijiet ġodda sad-29 ta' Awwissu 2011 fuq id-differenza li l-Kunsilli partikulari ma applikawx għalihom. Il-Kunsill qabel li japplika biex tiġi rranġata Triq Skerla inkluż il-ħajt tas-sejjieħ fejn hemm l-skip on wheels u parti mix-xogħol tal-playing field.

1666 Mid-Dipartiment talbu aktar informazzjoni rigward l-interview tal-post tal-iskrivana part time tal-Kunsill. Is-Segretarju għandu jmur id-Dipartiment u jagħti l-informazzjoni mitluba.

1667 Qed jiġi diskuss xi tibdil żgħir fil-kuntratt ta' Day Centre tal-Anzjani li hemm f'Għajnsielem li hu mmexi mill-Kunsilli Lokali u l-Ministeru għall-Għawdex. Ser ikun hemm żieda fil-prezz tat-transport li jrid jitħallas mill-Kunsilli Lokali involuti.

1668 Waslet il-formula għan-Nominazzjonijit għal Premju Anzjan tas-Sena 2011 li ser jgħalqu fil-5 ta' Settembru 2011.

1669 Ittra mingħand Clifford Vella rigward il-ktieb "L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin" fejn tissemma l-mitħna ta' Sannat għall-prezz ta' €12.50ċ. Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ kotba għal-librerija.

1670 Ittra mingħand Kalang Camilleri rigward il-ktieb "Gabra ta' Proża u Folklore" minn M'Angelo Camilleri għall-prezz ta' €3. Il-Kunsill qabel li jinxtara wieħed għal-librerija.

1671 Applikazzjoni għand il-MEPA għal tibdil fl-applikazzjoni biex jinbnew stalel u jiġi sanzzjonat l-aċċess PA/02161/10 fis-site Of Triq tal-Lewż. Il-Kunsill qabel li jagħmel oġġezzjoni għand il-MEPA għal din l-applikazzjoni u kull applikazzjoni oħra li jkun hemm f'dawn l-inħawi.

1672 Waslet informazzjoni mill-MEPA li l-fond tal-UIF ta' Sannat hu ta' €26,415.71ċ.

SANNAT

1673 Ittra mill-MEPA dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal Recreational Park (tal-Bidwi Park) tal-Measure 313 f'Ta' Saguna. Dawn iridu li l-paving tal-art isir tal-grass blocks, isiru sezzjonijiet bil-ħitan tas-sejjieħ. Iridu wkoll li jiġu identifikati s-siġar u l-ward skond il-*guidelines* tas-sigar. Għandha tintalab kopja tal-pjanta tal-amendments li saru għaliex fil-Kunsill ma hemmx kopja.

1674 Ittra mingħand David Zammit dwar stationery. Dan qed jgħid li għandu prezzijiet tajbin.

1675 In-National Audit Office bagħtu kopja tar-rapport dwar l-Annual Audit Report għas-sena 2009 fejn issemma d-deficit tal-Kunsill.

1676 Ittra mill-Kunsillier Teddy Bajada lis-Segretarju dwar il-ħruġ u d-dħul tal-Weekend Break.

Bħala ħruġ kien hemm €1,050 tal-lukanda, 395.30ċ tat-Transport f'Malta u €41.30ċ tat-transport f'Għawdex li b'kollox kien hemm €1,486.60ċ. Bħala dħul kien hemm €1,486.60. Il-persuni kollha ħallsu.

1677 Ittra mill-Kunsillier Teddy Bajada lis-Segretarju biex ta' kuljum jkun jaf fejn qed imorru l-ħaddiema. X' ikunu ordnati jagħmlu ndividwalment dawn il-ħaddiema kuljum.

Dan qal li bħala Segretarju Eżekuttiv dawn il-ħaddiema jaqgħu taħt is-superviżjoni tiegħu u ma jaċċetta qatt l-ebda tip ta' risposta bħal jien ma nafx fejn qed jintbagħtu dawn il-ħaddiema jew x'tip ta' xogħol qed jagħmlu.

Is-Segretarju qal li hu reponsabilta' qatt ma irrifjuta, imma reponsabbli ta' nies li ma jkunx jaf x'qed jagħmlu u fejn huma ma jerfgħax għaliex dawn qed jintbagħtu mis-Sindku. Is-Segretarju qal li l-ordnijiet iridu joħorġu minn persuna waħda biss u kulħadd jaf li qed jiskartaw. Sar qbil li jsir programm tax-xogħol għal ħaddiema u jiġu jiffirmaw qabel jitilqu mix-xogħol.

1678 Gatt Tarmac Ltd. bagħtu r-reminders għal ħlas tal-hot rolled asphalt.

**Item 4 Kwotazzjonijiet**

1679 Inġabu tlett kwotazzjoni għax-xogħol ta' ċinta tal-funtana li kienu:

Mezzilla Concrete li kient ta' €944
Buhagiar Bors. Li kienet ta' €725 u differenza tal-ispejjes jekk il-vireg isiru tal-stainless steel.

1680 Inġabu erbgħa kwotazzjonijiet għad-drap, ħjata u t-twaħħil tagħhom li kienu:

The Curtain Shop li kienet ta' €2,949

B4 Group li kienet ta' €3,220.89

JB Stores li kienet ta' €3,462.56


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Item 5. Notte Scarlata**

1681 Il-Budget għal attivitajiet ta' Notte Scarlata hu ta' €6,196 li jinkludi l-€4,000 li l-Kunsill ser jingħata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Din l-attivita' ser issir fil-24 u l-25 ta' Settembru 2011.

Saru xi kuntatti għal xi sponsors. Il-BOV ser jagħtu €150, il-Mobby Dick ser jagħtu €150, l-Olympus sa jagħtu €200, Dr. Tekk ser jagħti sponsor ukoll.

Dwar il-programm is-Sindku qal li dan ser ikun jikkonsisti f'dawn l-attivitajiet:

Il-ftuħ uffiċċjali tal-Kunsill għandu jsir mill-President ta' Malta wara serata mużikali mis-Soprana Giorgina Gauci akkumpanjata mill-pjanista fi Triq Sannat ħdejn il-Kunsill. Wara l-kunċert isiru id-diskors inkluż mill-President u wara jinawgura l-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill. Għandha tinkixef plakka kommemorattiva bl-ismijiet tas-Sindku l-Kunsilliera tal-Kunsill preżenti kif ukoll oħra bl-ismijiet tas-Sindku li kien hawn f'Sannat. Il-Kunsillier Teddy Bajada ppropona li jitniżżlu l-ismijiet tal-kunsill ta' qabel li beda l-proġett. Wara għandu jsir entertainment quddiem il-każini fil-pjazza.

Il-Ħadd 25 ta' Settembru 2011, il-proġramm jibda bit-tberik tal-annimali. Wara tiġi nawgurata esebizzjoni b'oġġetti ta' qabel il-gwerra u esebizzjoni tal-karozzi tal-militar.

Wara nofs inhar jiġu organizzati mixjiet madwar ta' Sannat u jinfetaħ shelter tal-gwerra. L-attivita' tagħlaq permezz daqq ta' marcijiet mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita.

**Item 6. Uffiċċju Amministrattiv il-Ġdid**

1682 Rigward il photo voltalic panel wasal il-permess tal-MRA li ntbagħat lil Alberta Ltd. li rridu jagħmlu l-applikazzjoni għand l-Enemalta. L-Avukat għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet li l-Kunsill ma jistax juża l-uffiċċini l-ġodda għar-raġuni li ma hemmx ħajt diviżorju. Is-Segretarju qal li l-bibien tal-uffiċini l-ġodda jridu s-sigurta għaliex l-insurance mhix ser tinxurja lill-Kunsill. Il-Kunsillier Teddy Bajada qal li jitpoġġa wiring fence bħala sigurta' u cameras.

1683 Għandha tinxtara skrivanija għas-Sindku u ssir reception desk. Galea Curmi ser jintalbu biex jagħmlu l-ispeċifikazzjonijiet tal-PABX.

**Item 7. Marathona**

1684 Għandha ssir laqgħa biex jaraw x'jista' jsir biex din il-marathona ssir din is-sena. Din għandha tkun ta' 10 km.

**Item 8. Materja Oħra**

1685 Il-Kunsill qabel li ssir tabella b'mappa tal-Sannat bejn ta' Dun Manuel u l-ħanut ta' Salvina. Din trid tkun metru twila u metru u nofs wiesgħa.

1686 Il-Kunsillier Joseph Bajada f'ismu u f'isem il-Kunsillier Marlene Muscat għamel intervent rigward artiklu li deher fuq il-Gazzettta l-Orizzont fil-14 ta' Lulju 2011 bl-isem Appell lill-Aministrazzjoni Laburista minn Osservatur. Is-Sur Bajada qal li f'dan l-artiklu nkiteb li s-Sindku mhux dejjem qiegħed isib l-għajnuna u l-koperazzjoni li wieħed jistenna mill-Kunsilliera sħabu fosthom iż-żewġ Kunsilliera Laburisti. Hu qal li mhux aċċettabli dak li nkiteb għaliex is-Sindku dejjem ingħata l-għajuna li ntalbet, imma dan jaħdem għal rasu u qatt ma talab għajnuna u huma l-kunsilliera jsiru jafu bl-affarijiet wara li jkunu saru mis-Sindku meta dawn huma materji li l-ewwel jridu jiġu approvati mill-Kunsill. Hu elenka dawn il-punti dwar dak li qed jiġri fil-Kunsill:

Il-World Children's Day l-istima prevista għas-sena 2010 kienet ta' €500 u ntefqu €1,100.

Fin-Notte Scarlata ntefqu madwar €2,500 aktar.

Saru numru ta' tabelli bi prezz esaġerat.

Il-Kunsill weħel multa ta' €9,000 talli l-uffiċċju ma nfetaħx nhar ta' Sibt għal parti mis-sena 2010.

Il-ħofra min-niżla ta' Triq Mġarr ix-Xini biex tissewwa, is-Sindku ried iħallas lill-kuntrattur €800 u din il-ħofra ssewwiet b'€49.50ċ konkos flimkien ma' ħofra ikbar fil-gemb tal-istess triq mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Tressqu Mozzjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill fis-26 ta' Awwissu 2009 mill-Kunsillier Teddy Bajada paragrafu 136 u dawn ġew approvati fil-laqgħa tas-16 ta' Diċembru 2009. Fost dawn il-mozzjonijiet kien hemm dik tal-20 tal-Lulju paragrafu 393 biex it-triq tingħata wiċċ ġdid kif ukoll isir l-embellishment necessarju fl-istess triq bħal bankina, bankijiet tip ta' fanali dekorativi, etc.

Mozzjoni oħra numru 4 biex l-Isqaq ta' Dun Ansastas li jinsab fi stat xejn tajjeb jingħata l-attenzjoni meħtieġa billi jingħata kisja concrete jew hot rolled asphalt jew materjal ieħor.

F'din l-ittra issemma l-gvern preżenti. Is-Sur Bajada qal li l-Gvern preżenti ta l-għajnuna tiegħu lill-Kunsill billi bbenefika mill-għajnuna tiegħu fuq il-proġetti li ser isiru fil-lokalita' ta' Sannat. Dawn il-proġetti jammontaw għal aktar minn €400,000. Dawn il-proġetti huma għall-bini tal-ħitan tas-sejjieħ u bini ta' Recreational Rural Park fl-inħawi ta' Saguna.

**Item 9. Ilmenti**

1687 Joe Sciberras, Narċis, Triq ta' Durell talab biex jerġa' jitwaħħal bank li kien hemm fil-pjazza 'l isfel mill-bank of Valletta. Hu ssuġerrixxa li jinqala' wieħed minn tal-faċċata u jitwaħħal fejn kien. Ġiet ordnata l-ħadida miksura tal-bank mingħand Zarb Cast Iron Ltd.

1688 Saret talba biex tinqala' r-road hamp ta' Triq Ta' Ċenċ.

1689 Talba minn Francis Xavier Buttigieġ tas-Żebbuġa' Triq Dun Luqa. Dan qal li mħabba il-Kunsill għamel xifer ta' bankina quddiem id-dar ġiren tal-binja tagħhom li għandha ftuħ fil-ġenb li jagħti għal-għalqa ti tiġi fuq ir-riħ tal-istess bini tagħna, kull ilma tat-triq li jiġi mill-inħawi tal-pjazzetta u l-Ħotel ta' Ċenċ qed jinżel kollu gol-kantina tagħna bil-konsegwenza li

qed jagħmlilna ħsarat kbar. Biżżejed li wieħed jgħid li matul il-bibni tal-istess kantina, kien hemm okkażżjoni fejn bl-ammont ta' xita li niżlet waqa' ħajt tal-bricks mimli bis-siment b'ta' warajh b'kollox. Huma qalu li jekk is-sitwazzjoni ma titrranġax ser jieħdu passi ulterjuri. Il-Kunsill qabel li jikteb lis-Sezzjoni tax-Xogħlijiet ta' Ministeru għal Għawdex biex din it-triq titqaxxar u issir kurduna tal-bankina.

1690 Saru diversi talbiet biex terġa titwaħħal il-Bus Stop fi Triq ta' Ċenċ fejn kienu qabel u oħra fi Triq il-Kbira kantuniera mal-pjazza tax-Xelina. Dan twaħħlu.

1691 Numru ta' ilmenti mingħand diversi nies residenti fi Triq ta' Ċenċ dwar ħasil tat-triq fil-ġimgħa tal-festa, inkluż ħsarat li tista' ssir lil armar tat-toroq tal-festa. Dan il-ħasil mhux ser jieġa' jsir, imma kienu n-nies stess li applikaw.

1692 Frances Xiberras, Holy Mary Triq il-Kbira għamlet talba biex jingħadda servizz ta' drenaġġ fi Triq tal-Bardan.

1693 Albert Zammit, Triq Falkun talab biex jitranġa il-kandoltt li għamlu tal-WSC meta biddlu xi kanen tal-ilma f'Jannar 2011 għax hu perikoluż għar-residenti ta' din it-triq. Din it-talba lill-W.S.C. ġa saret.

1694 Talba minn Josephine Cachia, Tas-Sajku Farm Triq Bardan, Sannat. Din talbet biex issir bozza ġdida fi Triq Bardan għaliex ftit imwarrab. Dwar din għandu jiġi vverifikat jekk hux fil-limiti ta' Sannat.

1695 Dwar tal-Bardan kien hemm xi ilmenti li hemm il-ħaxix u ħofor kbar. Il-Kunsill qabel li dan il-ħaxix jinqata' u l-ħofor jimtlew biċ-ċagħaq biex jitneħħa l-periklu għaliex hemm ħofor kbar. Dan il-ħaxix għandu jinqata wara li jinqata il-ħaxix ta' Triq Dun Luqa.

1696 Pawla Grima ta' Triq Xabbata ġiet il-Kunsill fejn għal darba oħra talbet għal bank fejn tagħha. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-bank ġa huwa approvat mill-Kunsill u għandu jinxtara.

1697 Xi ġenituri talbu sabiex jerġa jinbeda t-transport għat-tfal tal-iskola wara nofs inhar. Il-Kunsill għandu jerġa jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan la darba s-servizz tal-Arriva beda.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2011 fit-8.30 ta' filgħaxija biex titkompla l-aġenda pendenti.

__________________________ __________________________

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |